MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 342/2004

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**vs**

**Anthony Saliba**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hmistax-il Lira Maltin (LM1,615.00,0), import ta' kambjali minnu ffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati Dok. `1' sa `19', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie interpellat sabiex ihallas;**

**Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri**

**ufficjali kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-2 ta’ Novembru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------